

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Koeżjoni Diġitali

(2022/C 498/08)

Relatur: Gaetano ARMAO (IT/PPE) Viċi President u Ministru tar-Reġjun ta' Sqallija**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR),

Introduzzjoni

1. itenni mill-bidu nett li l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali hija wieħed mill-oġġettivi ewlenin indikati mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Artikolu 174) biex jinkiseb preċiżament żvilupp armonjuż u bbilanċjat fl-Unjoni Ewropea (UE) kollha u r-reġjuni tagħha;
2. jenfasizza li l-kunċett ta' "koeżjoni diġitali" jitlob ir-rikonoxximent tar-rwol essenzjali li t-teknoloġija għandha f'ħajjitna, u l-integrazzjoni tal-oġġettivi ta' koeżjoni fid-drittijiet, il-prinċipji u l-politiki diġitali tal-Unjoni, u, għalhekk, jappella sabiex l-Artikolu 175 tat-TFUE jiġi rieżaminat kif imiss;
3. ifakkar li fir-rapport tal-Barometru Reġjonali u Lokali Annwali tal-UE tal-2021, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) enfasizza l-koeżjoni diġitali bħala fattur ewlieni fil-ħolqien ta' soċjetajiet inklużivi fl-UE: il-"koeżjoni diġitali" hija dimensjoni addizzjonali importanti tal-kunċett tradizzjonali ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali definita fit-Trattat tal-UE ⁽¹⁾. Id-diġitalizzazzjoni tista' tgħin biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u territorjali għax hija mezz biex jintlaħqu ċ-ċittadini li altrimenti jkunu esklużi minn ċerti servizzi jew li ma jingħatawx servizzi biżżejjed;
4. ifakkar li l-kunċett ta' koeżjoni diġitali ⁽²⁾, u l-kontribut meħtieġ biex iwassal b'mod konkret għall-kisba tiegħu, kif deskritt fi studju ewlieni ta' prospettiva reċenti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ⁽³⁾, jinvolti li kull ċittadin fl-Ewropa jkollu aċċess deċenti għall-internet u għas-servizzi diġitali u li jissaħħu s-sovranità u r-reżiljenza tal-infrastruttura diġitali tal-UE;
5. jenfasizza li l-UE jeħtieġ li tħabrek biex tagħmel it-tranżizzjoni diġitali aċċessibbli kemm jista' jkun għaċ-ċittadini kollha tal-UE u tagħti attenzjoni partikolari biex tgħin lir-reġjuni inqas żviluppati, kif ukoll lir-reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi permanenti, bħall-arċipelagi, ir-reġjuni ultraperiferiċi, il-gżejjer, u r-reġjuni transfruntiera u muntanjużi, biex iħaffu t-trasformazzjoni diġitali tagħhom, minħabba l-isfidi uniċi li jiffaċċjaw, filwaqt li jimmassimizzaw l-assi tagħhom, u l-importanza ta' kollaborazzjoni bejn il-pari;
6. jirrikonoxxi li, filwaqt li t-teknoloġija hija għodda ewlenija biex tgħinna nadattaw għal sitwazzjonijiet diffiċli li jaffettwaw l-isferi kollha tas-soċjetà, ir-rwol prominenti tat-teknoloġija diġitali fir-rispons u l-bini tar-reżiljenza għall-COVID-19 enfasizza n-nuqqasijiet fl-infrastruttura u l-kompetenza diġitali, u saħansitra ħareġ aktar fid-dieher id-distakki diġitali fl-UE;

⁽¹⁾ Barometru Reġjonali u Lokali Annwali tal-UE, Kapitolu IV – It-tranżizzjoni diġitali fil-livelli lokali u reġjonali, paġna 63.

⁽²⁾ Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni — Ewropa Diġitali għal kulħadd: noffru soluzzjonijiet diġitali intelliġenti u inklużivi fil-prattika (ĠU C 39, 5.2.2020, p. 83).

⁽³⁾ Fontana, Susana, Fabio Bisogni (Fondazione FORMIT), Simona Cavallini, Rossella Soldi (Progress Consulting S.r.l.), Territorial foresight study in addressing the digital divide and promoting digital cohesion (Studju ta' prospettiva territorjali fl-indirizzar tad-distakki diġitali u l-promozzjoni tal-koeżjoni diġitali), 16 ta' Mejju 2022 (abbozz – mhux disponibbli bil-Malti).

L-isfidi li għandhom jiġu indirizzati

7. ifakkar li d-“distakk diġitali” huwa terminu li jirreferi għal livelli differenti ta' aċċess u użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u, b'mod aktar speċifiku, għad-distakki fl-aċċess u fl-użu tas-servizzi diġitali bbażati fuq l-internet⁽⁴⁾; jenfasizza li l-konnettività b'veloċità għolja għal kulħadd fl-Unjoni Ewropea mill-bliet saż-żoni rurali u remoti trid tkun servizz ta' interess ġenerali u trattata bħala tali;

8. jenfasizza li l-forom diġitali ta' komunikazzjoni jgħolqu wkoll sfidi ġodda għall-proċessi demokratiċi. Għal ħafna nies, il-midja soċjali hija s-sors ewlieni tal-aħbarijiet, li l-operaturi tagħhom rarament iwettqu verifiki tal-fatti. Id-dibattitu diġitali dwar il-midja soċjali jista' jwassal għal polarizzazzjoni u frammentazzjoni soċjali, u hemm potenzjal sinifikanti li tiġi eżerċitata influwenza, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' algoritmi li jidderieġu l-imġiba tal-utent;

9. jenfasizza li l-koeżjoni diġitali trid tindirizza r-raġunijiet għad-distakk diġitali li qed jikber fl-Unjoni u l-isfidi ffaċċjati fir-reġjuni li, filwaqt li qed jagħmlu l-almu tagħhom biex inaqqsu d-distakk diġitali, madankollu għandhom lura, minkejja li t-twessigħ tad-distakk diġitali mhux rikonoxxut uffiċjalment bħala theddida għall-koeżjoni tal-UE;

10. jenfasizza li r-reġjuni ultraperiferiċi, il-gżejjer, ir-reġjuni transfruntiera u dawk muntanjużi u r-reġjuni li qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi⁽⁵⁾ għandhom karatteristiċi ġeografiċi, ekonomiċi, demografiċi u soċjali speċifiċi, li jinvolvu sfidi uniċi. Dawn jinkludu daqs limitat (superfiċje, popolazzjoni, densità, ekonomija), suq lokali limitat u diffikultà fil-kisba ta' ekonomiji ta' skala, spejjeż għoljin tat-trasport, relazzjonijiet interindustrijali li f'it li xejn huma żviluppatti, defiċits fil-ħiliet intraprenditorjali, l-infrastruttura u l-provvista ta' servizzi għan-negozji (meta mqabbla ma' dawk kontinentali) u servizzi soċjali u ta' taħriġ għaċ-ċittadini limitati. Barra minn hekk, l-arċipelagi li għandhom insularità doppja jew tripla jiffaċċjaw livell ieħor ta' diffikultajiet, kif speċifikat reċentement mir-rapport tal-Parlament Ewropew dwar “Il-gżejjer u l-politika ta' koeżjoni: is-sitwazzjoni attwali u l-isfidi futuri”⁽⁶⁾;

11. jinsab imħasseb li d-distakki diġitali eżistenti mhumiex qed jonqsu, iżda, fil-fatt, qed jikbru b'rabta mal-komponenti ewlenin li ġejjin tat-trasformazzjoni diġitali fl-UE⁽⁷⁾:

- id-*data* fil-livell ta' ħiliet diġitali bażiċi mhix disponibbli fil-livell lokali u reġjonali. Minflok, intuża indikatur indirett tal-kapaċità tal-individwi li jużaw l-internet kuljum. Filwaqt li fxi Stati Membri tal-UE tal-Punent id-distakk diġitali urban-rurali qed jingħalaq f'termini ta' ħiliet diġitali (DE, SE, NL, BE), dan għadu sinifikanti fl-Istati Membri l-oħrajn kollha;
- fil-qasam tal-konnettività u l-infrastruttura diġitali, iż-żoni rurali għandhom lura f'termini tal-kopertura tal-Aċċess tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGA) u l-kopertura totali tal-unitajiet domestiċi b'networks ta' kapaċità għolja;
- it-trasformazzjoni diġitali tan-negozji mkejla permezz tal-għadd ta' unicorns (negozju ġdid b'valur totali tas-suq ta' aktar minn USD 1 biljun) li jinsabu fl-UE, li turi li dawn huma fil-biċċa l-kbira kkonċentrati fil-parti kontinentali tal-Ewropa u fir-reġjuni kapitali;
- mill-2019 sal-2020, id-distakk fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi żdied bejn l-individwi li jgħixu fil-bliet u dawk f'żoni urbani;
- jirreferi b'mod partikolari għall-każ speċifiku tar-reġjuni ultraperiferiċi, li r-realtà unika u kumplessa tagħhom, kif rikonoxxut fl-Artikolu 349 tat-TFUE, tirrikjedi li l-politiki Ewropej jiġu adattati għall-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, fl-interess mhux biss tal-prinċipju tal-koeżjoni ekonomika u soċjali iżda wkoll tal-koeżjoni diġitali;

⁽⁴⁾ OECD (2021), Bridging Connectivity Divides (Innaqqsu d-Distakki tal-Konnettività), OECD Digital Economy Papers (Dokumenti dwar l-Ekonomija Diġitali), Nru 315, OECD Publishing, Pariġi. Disponibbli online: <https://doi.org/10.1787/e38f5db7-en> (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁵⁾ Total ta' 17,7-il miljun persuna jgħixu fuq 362 gżira b'aktar minn 50 abitant fi 15-il pajjiż Ewropew; f'dawn ir-reġjuni, il-PDG per capita huwa inqas minn 80% tal-medja tal-UE u parti sinifikanti minnhom għandhom jappartjenu għall-kategorija ta' reġjuni sottożviluppatti. (Sors: <https://www.regione.sicilia.it/la-regione-informa/estimation-insularity-cost-sicily>).

⁽⁶⁾ (A9-0144 / 2022-159), [https://oeil.secure.europarl.europa.eu/oeil/popups/ficheprocedure.do?reference=2021/2079\(INI\)&l=de](https://oeil.secure.europarl.europa.eu/oeil/popups/ficheprocedure.do?reference=2021/2079(INI)&l=de)

⁽⁷⁾ Sors: Barometru Lokali u Reġjonali Annwali tal-UE għall-2021, Kapitolu IV – It-tranżizzjoni diġitali fil-livell lokali u reġjonali, A. L-istat tat-trasformazzjoni diġitali, paġna 69.

12. jinnota li l-ambitu tal-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġu indirizzati d-distakki diġitali jħaddan diversi oqsma ta' politika, fatt li jagħmel il-koeżjoni diġitali sforz orizzontali. Għalhekk, jilqa' r-rikonossiment tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa li l-koeżjoni diġitali hija komplementari għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali⁽⁸⁾; iqis li l-koeżjoni diġitali hija komponent tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li għandha tiġi indirizzata bħala ben tas-servizz pubbliku;

13. jenfasizza li d-distakk diġitali għandu impatt fuq is-servizzi pprovduti fil-livell lokali fl-oqsma li ġejjin:

— il-kura tas-saħħa: nuqqas ta' aċċess għas-servizzi tas-saħħa elettronika; inqas sensibilizzazzjoni u aktar esponiment għall-COVID-19 u kwalunkwe pandemija futura għal persuni skonnessi.

— l-edukazzjoni: aċċess mhux ugwali għar-riżorsi edukattivi; waqfien fil-proċess edukattiv; l-istudenti għandhom diffikultajiet biex jiksbu appoġġ teknoloġiku mill-ambjent tal-familja tagħhom.

— servizzi ewlenin oħrajn: żieda fl-esklużjoni finanzjarja minħabba x-xejra lejn soċjetà mingħajr flus kontanti; il-popolazzjoni li hija skonnessa għandha aċċess ristrett għall-benefiċċji pubbliċi minħabba l-użu ta' servizzi diġitali biss. il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi: żieda fid-distakk soċjoekonomiku bejn dawk li jistgħu jaħdmu mill-bogħod permezz ta' mezzi diġitali u dawk li ma setgħux jaħdmu.

— żieda fl-esklużjoni soċjali: id-distakk diġitali jista' jipprevjeni lin-nies milli jipparteċipaw f'inizjattivi soċjali li jseħħu online u milli jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom.

14. meta jfasslu s-servizzi diġitali, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u organizzazzjonijiet oħra li jipprovdu servizzi diġitali għandhom iqisu l-aċċessibbiltà għal persuni b'xi forma ta' diżabbiltà sensorjali jew limitazzjonijiet fil-ħiliet diġitali, u jiżguraw li dawn is-servizzi jkunu aċċessibbli minn konnessjonijiet b'limitazzjonijiet fil-qasam tal-infrastruttura tal-aċċess;

15. jiddispjaċih li l-inklużjoni ta' prinċipju dwar il-koeżjoni diġitali biex jiġi żgurat li l-ebda reġjun jew persuna ma titħalla tibqa' lura f'dak li jirrigwarda l-konnettività u l-aċċessibbiltà ma kinitx formalment parti mill-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal "Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali"⁽⁹⁾;

16. jilqa' azzjonijiet immirati bħall-emenda reċenti għar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, li temenda d-dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' għajjnuna mill-Istat għal networks fissi tal-broadband u r-reviżjoni li għaddejjja tal-Linji Gwida dwar il-Broadband. Madankollu, il-KtR jappella sabiex ikun hemm aktar ċarezza dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat fir-rigward tal-infrastruttura diġitali u s-semplifikazzjoni addizzjonali tagħhom⁽¹⁰⁾;

17. jirrimarka li jista' jinkiseb aktar iffirankar ta' CO₂ permezz tal-użu mmirat ta' soluzzjonijiet diġitali. Madankollu, sfida ewlenija hija ż-żieda fil-konsum tal-enerġija taċ-ċentri tad-*data*, tat-tagħmir terminali u tan-networks ta' trażmissjoni. Id-diġitalizzazzjoni mingħajr qafas soċjali u ambjentali tkun negliġenti. Id-diġitalizzazzjoni nnifisha jeħtieġ li tkun akkumpanjata sabiex jiġi limitat il-konsum tar-riżorsi u jiġu evitati effetti ta' rikorrenza fil-każi fejn iż-żidiet fl-effiċjenza jwasslu għal żieda fil-konsum;

Il-kisba tal-koeżjoni diġitali

18. jinnota li l-ħiliet diġitali u l-infrastruttura diġitali huma kruċjali għall-iżvilupp tad-dimensjonijiet l-oħrajn kollha tal-Kumpass Diġitali u għalhekk jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea twettaq u timpenja ruħha għal strateġija mfassla apposta fit-tul, u riżorsi u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni, u jeħtieġ li tisfrutta proġetti fuq skala kbira bbażati fuq il-koooperazzjoni tal-Istati Membri, biex tiżgura li kull ċittadin ikollu ħiliet u infrastrutturi diġitali aġġornati;

⁽⁸⁾ Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, Rapport dwar l-Eżitu Finali, Mejju 2022, 12. Proposta: Insaħħu l-kompetittività tal-UE u l-appfondiment ulterjuri tas-Suq Uniku, Miżura 14, paġna 56.

⁽⁹⁾ Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali Ewropej, 26 ta' Jannar 2022.

⁽¹⁰⁾ Ara r-rapport tar-RegHub 21st Century Rules for 21st Century Infrastructure – Overcoming obstacles to transport, digital, and green infrastructure deployment (Regoli tas-Seklu 21 għall-Infrastruttura tas-Seklu 21 – Negħlbu l-ostakli għat-tnedija tal-infrastruttura tat-trasport, diġitali u ekoloġika), disponibbli fuq <https://cor.europa.eu/en/engage/Documents/RegHub/RegHub%20report%20on%2021%20century%20rules.pdf> (mhux disponibbli bil-Malti).

19. jirrakkomanda li ħiliet diġitali adatti għandhom isiru parti mill-miżuri kollha b'rabta mat-tagħlim tul il-ħajja sabiex iċ-ċittadini Ewropej kollha jiġu awtonomizzati biex jibbenefikaw mid-dritt ġenerali ta' aċċess għall-internet. F'dan il-kuntest, l-edukazzjoni m'għandhiex tinftiehem sempliċement bħala taħriġ, iżda għandha tippermetti li iċ-ċittadini jkunu parteċipanti attivi u jieħdu approċċ riflessiv għall-kisba tal-informazzjoni;

20. jenfasizza, f'dan ir-rigward, li jeħtieġ tingħata attenzjoni partikolari għall-awtonomizzazzjoni diġitali tal-aktar gruppi vulnerabbli, bħall-anzjani, u biex jiġi żgurat li tal-inqas dawn ikollhom xi ħiliet bażiċi u anke biex jiġu appoġġjati ż-żgħażaġh f'reġjuni inqas żviluppatti li l-prestazzjoni edukattiva tagħhom intlaqtet l-aghhar mill-kriżi minħabba d-distakk diġitali u n-nuqqas ta' aċċess għal edukazzjoni online adatta f'diversi reġjuni. Il-politiki tal-UE għandhom jagħmlu aktar enfasi fuq id-differenzi reġjonali — b'mod partikolari fuq reġjuni inqas żviluppatti — f'dak li għandu x'jaqsam mal-allokazzjoni tal-baġit għall-edukazzjoni biex jindirizza l-emerġenza fl-edukazzjoni, kif ġara f'dawn l-aħħar snin. Il-kontenut tal-edukazzjoni diġitali għandu jintegra wkoll il-possibiltajiet għat-tfal minn minoranzi nazzjonali, u jiżgura l-ugwaljanza b'dan il-mod għall-ambjenti soċjali kollha;

21. jenfasizza li parti indispensabbli tal-kompetenza diġitali għas-sezzjonijiet kollha tal-popolazzjoni tinkludi wkoll litteriżmu medjatiku suffiċjenti biex tiġi vvalutata s-serjetà tal-informazzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa, il-finanzi u l-ġrajjet kurrenti. Dan huwa partikolarment minnu minħabba ż-żieda fil-fenomeni bħall-aħbarijiet foloz u d-diskors ta' mibegħda;

22. jipproponi, bħala segwitu għad-Dikjarazzjoni li ħarġet dan l-aħħar dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali Ewropej, li l-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi qafas komprensiv, atti legali u strumenti biex jiġu infurzati d-drittijiet diġitali Ewropej u titrawwem kooperazzjoni aktar mill-qrib maċ-ċittadini Ewropej biex jiġi żgurat li l-prinċipji diġitali jiġu kondiviżi u jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-soċjetà. Fil-fatt, għandha tiġi prevista reviżjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE stabbilita fl-2000, bil-għan li jitqiesu d-drittijiet diġitali li għadhom kif ġew ipproklamati;

23. jilqa' r-rakkomandazzjoni mressqa mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa dwar l-istabbiliment ta' aċċess ugwali għall-internet bħala dritt fundamentali ta' kull ċittadin Ewropew. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jkun hemm aċċess affidabbli għall-internet u għas-servizzi diġitali permezz ta' infrastruttura diġitali tal-UE sovrana u reżiljenti. Għandhom jittieħdu miżuri biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u miftuħa u biex jiġu evitati monopolji u abbuż ġenerali tas-saħħa fis-suq, intrappolament tal-bejjiegħa, konċentrazzjoni tad-*data* u dipendenza minn pajjiżi terzi fir-rigward tal-infrastruttura u s-servizzi;

24. jissuġġerixxi, f'konformità mar-rakkomandazzjoni mressqa mir-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Awtoritajiet Regulatorji Nazzjonali, mill-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ⁽¹¹⁾, li titrawwem il-kondivizzjoni tal-infrastruttura (bejn l-operaturi tat-telekomunikazzjoni u fornituri oħrajn ta' servizzi bħal kumpaniji tal-elettriku, ferroviji, eċċ.) biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-introduzzjoni ta' networks tal-broadband u żoni remoti;

25. jirrimarka li ħafna reġjuni għandhom esperjenzi pożittivi mas-sħubijiet pubbliċi-privati kemm biex iżidu l-infrastruttura diġitali kif ukoll biex inaqqsu d-distakk diġitali, u jenfasizza r-rwol taċ-ċentri diġitali reġjonali fl-implimentazzjoni tad-diġitalizzazzjoni;

26. jenfasizza bil-qawwa li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jisfruttaw l-opportunitajiet ipprovduti mix-xogħol deċentralizzat, billi jippromovu l-għajxien f'żoni rurali, gżejjer, reġjuni muntanjużi u żoni b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna u popolazzjonijiet mifruxa, u billi jisfruttaw il-vantaġġi tal-għajxien f'dawn iż-żoni, li jistgħu jirriżultaw f'għajxien aktar sostenibbli u affordabbli mil-lat ambjentali, soċjali u ekonomiku jekk, fost rekwiżiti bażiċi oħrajn, tiġi ggarantita l-koeżjoni diġitali, jiġifieri d-disponibbiltà sħiħa ta' servizzi diġitali ewlenin;

27. jindika l-merti tal-kondivizzjoni tal-aħjar eżempji ta' prattika, minn madwar ir-reġjuni Ewropej, ta' politiki li jippermettu possibiltajiet ta' xogħol deċentralizzat sostenibbli biex jiġi żgurat li x-xogħol deċentralizzat ikun karatteristika permanenti fuq il-post tax-xogħol b'mod li jiġu massimizzati l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali;

(11) Iclaves & Esade, *Study on post-COVID measures to close the digital divide* (Studju dwar miżuri ta' wara l-COVID biex jingħalaq id-distakk diġitali), Rapport Finali, Ottubru 2021 (mhux disponibbli bil-Malti).

28. jenfasizza r-rwol tal-iskejjel lokali u reġjonali, l-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka u l-ekosistemi lokali u reġjonali biex jieħdu sehem fiċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali jew saħansitra jmxexxuhom, peress li ħafna drabi dawn ma jkunux ikkoordinati minn politiki reġjonali, u b'hekk l-għarfien espert estensiv u l-imħuħ kapaċi ħafna drabi jinħlew; f'dan il-kuntest, għandhom jiġu stabbiliti miżuri biex jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ, u parti mis-soluzzjoni tista' tkun ix-xogħol deċentralizzat, b'kundizzjonijiet ġusti, b'mod partikolari għal żoni żvantaġġati;

29. jenfasizza li fir-rigward tal-SMEs, jeħtieġ li jsir aktar biex dawn jiġu appoġġjati fid-diġitalizzazzjoni. Dawn għandhom lura b'paragun ma' kumpanji akbar b'riżorsi akbar u jeħtieġ li jiġi żviluppat sett ġdid ta' ħilet. Il-piż amministrattiv għall-aċċess għall-fondi tal-UE (mhux relatati biss mal-qasam diġitali) għall-SMEs u b'mod partikolari l-mikrointrapriżi jrid jitnaqqas b'mod sinifikanti. Ir-rekwiżiti amministrattivi jridu jkunu proporzjonati għad-daqs tal-kumpanja, filwaqt li jiżguraw trattament ġust għas-sidien tal-SMEs meta jirċievu fondi tal-UE ⁽¹²⁾. Il-Kummissjoni Ewropea għandha twettaq test tal-SMEs għall-prattiki attwali u tressaq proposti biex jitnaqqas il-piż amministrattiv speċjalment għall-mikrointrapriżi (eż. eżenzjonijiet tal-awditjar);

30. l-allokkazzjoni tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-inizjattivi diġitali, u għall-SMEs b'mod partikolari, għandha tiġi mmonitorjata mill-qrib, u għandu jiġi vvalutat jekk l-ammont ta' finanzjament allokat lill-SMEs huwiex proporzjonat mal-kontribuzzjoni tal-SMEs għall-PDG nazzjonali (u reġjonali);

Gvern elettroniku, reżiljenza diġitali

31. huwa favur li l-Kummissjoni Ewropea tippromovi kampanja ta' sensibilizzazzjoni aktar immirata, li tindirizza liċ-ċittadini, dwar il-pjattaformi eżistenti ta' parteċipazzjoni elettronika fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali, permezz ta' koordinazzjoni aħjar mal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali u skambju tal-aħjar Prattiki;

32. jissuġġerixxi li l-Istati Membri jiddedikaw riżorsi speċifiċi għall-introduzzjoni ta' shubbijiet pubbliċi-privati, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ biex iċ-ċittadini, speċjalment il-ġenerazzjonijiet ta' età iżgħar, in-negozji u s-settur pubbliku jitħejjew biex jiffaċċjaw iċ-ċiberkriminalità bħala kwistjoni orizzontali tat-trasformazzjoni diġitali. Il-programm ta' finanzjament ta' appoġġ għal wara l-kriżi għandu jinkludi wkoll investimenti b'rabta mal-edukazzjoni diġitali, il-konnettività tal-broadband, l-akkwist tat-tagħmir meħtieġ, kif ukoll it-taħriġ tal-għalliema għal sitwazzjonijiet bħala dawn. Il-ġestjoni tal-kontenut fl-edukazzjoni diġitali għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid b'mod adegwat ukoll, billi jitqiesu l-isfidi u l-problemi li jistgħu jinqalgħu mill-użu ta' kontenut diġitali u online;

33. jissuġġerixxi li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jindirizzaw l-ostakli regolatorji u tal-interoperabbiltà transnazzjonali li jipprevjenu l-implimentazzjoni sħiħa tas-Suq Uniku Diġitali u li jfixklu l-espansjoni tan-negozji u t-teknoloġiji fl-Ewropa. Barra minn hekk, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiffaċilitaw it-tfassil ta' mudell komuni permezz, pereżempju, tal-Pjattaforma tal-Broadband;

34. jirrakkomanda li l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT pubbliċi fil-livell reġjonali u lokali ma' dawk fil-livell nazzjonali għandha tkun prerekwiżit għal kwalunkwe inizjattiva diġitali b'mod partikolari fejn diġà jeżistu standards tal-ICT fil-livell tal-UE, jew speċifikazzjonijiet tekniċi komuni tal-UE. L-interoperabbiltà għandha dejjem tkun abbinata man-newtralità teknoloġika tas-soluzzjonijiet u s-servizzi anke biex jiġi evitat l-intrappolament tal-bejjiegħa; barra minn hekk, għandu jitwettaq test tal-SMEs għal kwalunkwe servizz pubbliku diġitali mmirat lejhom; ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu membri ta' kumitati rilevanti fil-livell nazzjonali u jingħataw rwoli konsultattivi finizjattivi ewlenin ta' interoperabbiltà;

⁽¹²⁾ Id-dikjarazzjoni tal-ispejjeż diretti tal-persunal għas-sidien tal-SMEs li ma jirċevux salarju u persuni fiżiċi oħrajn li ma jirċevux salarju huma bbażati fuq kostijiet unitarji ekwivalenti għal salarju għar-riċerkaturi (https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/common/guidance/unit-cost-decision-sme-owners-natural-persons_en.pdf) (mhux disponibbli bil-Malti).

35. jenfasizza l-importanza tad-disponibbiltà ta' software b'sors miftuħ u, barra minn hekk, id-*data* pubblika miftuħa għas-settijiet tad-*data* kollha ta' valur għoli, kif identifikat fid-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹³⁾ dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, għandha titqies ukoll bħala dritt diġitali taċ-ċittadini tal-UE biex jiżguraw l-awtonomizzazzjoni tagħhom; għandha titrawwem ukoll ix-xjenza taċ-ċittadini u, f'dan il-kuntest, il-komunitajiet ewlenin għandhom jiġu mmappjati fil-livell tal-UE u jiġu sfruttati b'mod adegwat, inkluż, iżda mhux biss, il-ġbir ta' *data* "lokali" għall-monitoraġġ tal-koeżjoni diġitali u rakkomandazzjonijiet dwar kif tista' tinkiseb;

36. jinsisti, f'konformità mal-Opinjoni reċenti tiegħu dwar l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, li l-Kummissjoni Ewropea twessa' l-valutazzjoni tal-impatt dwar l-implikazzjonijiet tat-teknoloġiji tal-IA għaċ-ċittadini, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli, billi tinvolvi b'mod obbligatorju lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u/jew lir-rappreżentanti tagħhom fil-konsultazzjoni u billi tiddefinixxi rekwiżiti aktar stretti ta' trasparenza u informazzjoni għal teknoloġiji tal-IA b'riskju għoli ⁽¹⁴⁾;

Il-monitoraġġ u l-kejl tad-distakki diġitali

37. jenfasizza li l-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Istati Membri, l-Eurostat, l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u l-JRC għandha tippromovi żieda gradwali, iżda kontinwa, tat-tqassim ġeografiku tad-*data* eżistenti u twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni biex jinkludi b'mod adegwat aspetti tal-ekonomija diġitali u tas-soċjetà diġitali. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għandu jkun involut bħala l-attur ewleni biex iressaq il-ħtiġijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali f'termini ta' *data* u informazzjoni u għodod adatti biex titkejjel il-maturità diġitali;

38. jissuġġerixxi li tiġi żviluppata sistema robusta u komprensiva ta' indikaturi diġitali lokali li jkejlu l-maturità diġitali biex isservi bħala sfond għat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż bħala kriterji għad-determinazzjoni tar-riżorsi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali skont it-tifsira tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni attwalment fis-seħħ;

39. jipproponi li l-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għandhom jikkooperaw biex jimxu lejn Kumpass Diġitali li jqis b'mod konkret id-dimensjoni territorjali. Dan se jippermetti li nimxu mill-valutazzjoni tal-progress f'termini ta' diġitalizzazzjoni u trasformazzjoni diġitali fl-Ewropa għall-evoluzzjoni tal-koeżjoni diġitali bejn it-territorji.

Brussell, it-12 ta' Ottubru 2022.

Vasco ALVES CORDEIRO

Il-President

tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

⁽¹³⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

⁽¹⁴⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar *Approċċ Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali — Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali* (ĠU C 97, 28.2.2022, p. 60).